Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 207/2016

Il-Pulizja

Vs

Roderick Zahra

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Abela detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 393786 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-02/06/2014 ghall-habta ta' 08:30hrs gewwa Triq Regjonali, Santa Venera

1. Saq vettura Nru BUS 160 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.
2. Ingurja u/jew hedded lil Veronica Dalli, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
3. Meta kien involut f'incident tat-traffiku ma vettura nru CBS 183 naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali.
4. U b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna hsarat involontarji fuq vettura CBS183 ghad-dannu ta' Veronica Dalli.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li hu jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1) (a)(2) tal-Kap. 65, l-L.S. 65 MVR 67 u l-artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(1): Irrizulta rigwardanti sewqan perikoluz: ewro 233 multa u l-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza li tirrigwarda ghal sewqan b'manjiera traskurata u bla kont.

(2): Liberat stante li mhux sufficjentement ippruvata.

(3): Irrizulta: ewro 58 ammenda.

(4): Irrizulta: Sabet lill-imputat Roderick Zahra hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz illiberat lill-imputat Roderick Zahra taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti, skwalifikat lill-imputat Roderick Zahra milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti tat lill-imputat Roderick Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Roderick Zahra, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 t' April, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

a. Tirrevokaha u thassarha f' dik il-parti fejn ordnat l-iskwalifika ta' l-appellant milli jkollu jew tottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza kif ukoll tirrevoka l-multa ta' Ewro233 filwaqt li;
b. Tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Roderick Zahra huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-piena, moghtija mill-ewwel Qorti, senjament is-sospenzjoni tal-licenzja ghall-perjodu ta' tlett xhur, hija bid-dovut rispett, eccessiva u ma tiehux kont tac-cirkostanzi tal-appellant.

Illi l-appellant huwa impjegat bhala Bus Driver mat-Trasport Malta. Huwa xufier tal-Linja Malti.

Illi bid-dovut rispett, l-appellant jissottometti illi l-effetti tas-sospensjoni tal-licenzja fuq l-imputat huma ferm aktar gravi fuq l-appellant milli kieku din l-istess sospensjoni kellha tkun moghtija lil persuna ohra u dan ghaliex huwa propju tramite din il-licenzja tas-sewqan illi l-appellant jaqla' l-hobza tieghu ta' kuljum.

Illi b' hekk l-effetti tas-sospensjoni tal-licenzja de quo huma ferm aktar gravi fil-kaz in dizamina milli dak li trid il-ligi u dan minhabba l-fatt illi s-sospensjoni tal-licenzja tista' anke twassal ghal nuqqas serju fl-introjtu ta' l-appellant u tal-familja tieghu. Huwa presentament ghadu kif kellu tarbija u qed ihallas loan. Di piu huwa ser ikun sospiz u ser jitlef l-impjieg tieghu.

Illi jigi sottomess ukoll illi l-Qorti f' dawn il-kazi m' hijiex prekluza mili tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ghar-rigard tal-akkuzi de quo u b' hekk il-Qorti qedgha umilment tintalab sabiex tapplika dan id-dispost tenut kont tac-cirkstanzi partikolari ta' l-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti qieghed iressaq l-appell tieghu mid-decizjoni impunjata limitatament ghal dik il-parti fejn giet ordnata l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tlett xhur u dan ghaliex jishaq illi dan ser jikkrealu pregudizzju kbir billi x-xoghol tieghu huwa dak ta' xufier tal-karozzi tal-linja. Jitlob sussidjarjament lil din il-Qorti tapplika ghalhekk l-attenuanti indikata fl-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti jirreferi unikament ghal dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn giet ordnata is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan, fit-talba imbaghad huwa jitlob ukoll sabiex il-multa ta' €233 inflitta fuqu ghal sejbien ta' htija ghall-ewwel akkuza dwar is-sewqan perikoluz tigi irrevokata ukoll u dan minghajr ma iressaq mottiv wiehed li ghandu jwassal lil din il-Qorti taghmel dan!

Illi ghalhekk l-appellanti ma huwiex daqstant iressaq xi ilment fil-konfront tad-decizjoni impunjata, izda kif inghad, qieghed jappella lil din il-Qorti ghal klemenza billi is-sewqan ghalih huwa marbut mal-ghejxien tieghu ta' kuljum. Illi din il-Qorti minnufih tistqarr illi l-procedura indikata li kellu isegwi l-appellanti kellha tkun dik prevista fl-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux dak intentat minnu permezz ta' dan l-appell. Dan ghaliex l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta hija tassattiva ghal Qorti meta jinghad:

**"Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), <u>għandha tiskwalifika</u> lill-ħati milli jkollu jew**

**milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur..."**

Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ghandha idejha marbuta billi l-piena stabbilita ghar-reat li dwaru l-appellanti gie misjub hati jimponi fuq il-Qorti l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'zieda mal-piena inflitta. Dan ghaliex il-piena stabbilita fil-ligi hija wahda marbuta mar-reat u mhux mar-ragunijiet relattivi ghal hati kif donnu qed jipprospetta l-appellanti fl-aggravvju minnu intentat.

Illi fir-rigward tal-multa ta' €233 inflitta mill-Ewwel Qorti ghas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni dwar is-sewqan perikoluz, kif diga inghad l-appellanti ma iressaq l-ebda mottiv 'il ghala din il-piena ghandha tithassar hlief li jappella ghal klemenza tal-Qorti u jitlob biex ikun hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 21 tal-Kap.9 fil-konfront tieghu ghaliex huwa ragel tal-familja u jaqla' l-ghejxien tieghu mill-impjieg bhala xufier tax-xarabank. Issa minn qari ta' dak dispost fl-artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena fil-massimu taghha ghar-reat dwar sewqan perikoluz huwa ta' €232.94 u ghalhekk l-piena inflitta mill-ewwel Qorti tmur oltre l-massimu previst fil-ligi, ghalkemm bi ftit centezmi, u kwindi ser ikun hemm aggustament f'din il-piena sabiex jigi rifless dan in-nuqqas.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell interpost limitament billi tirriforma l-piena inflitta fuq l-appellanti ghall-ewwel akkuza li dwarha gie misjub hati billi minflok il-piena tal-multa ta' €233 tikkundannah multa ta' €200. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur